**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-13 ta' April 2016

Talba Numru: 733/2015

Numru fuq il-Lista: 21

**GO p.l.c.**
(C22334)

**vs.**

**Farrugia Mirelle**
K.I. 199188(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta'

erba’ mija u wieħed u ħamsin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€451.17), liema ammont huwa in konnessjoni ma’ servizzi ta’ telefonija fissa, internet u televiżjoni liema servizzi huma miġbura fil-kont li jġib in-numru 40163316 mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta’ erba’ mija u wieħed u ħamsin ewro u sbatax-il ċenteżmu (€451.17), bl-imgħax legali dekorribbli mid-9 ta’ Settembru 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur